

32003R2296

24.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 340/35

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2296/2003**tat-23 ta' Diċembru 2003****li tidderoga, għal 2004, mir-Regolament (KE) Nru 327/98 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tat-tariffa għal importazzjonijiet ta' ross u ross miksuri**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet stabbiliti fl-Iskeda CXL magħmulin fil-bidu tal-konklużjoni tan-negozjati ⁽¹⁾ XXIV(6) tal-GATT, u partikolarment l-Artikolu 1 tiegħu,Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE tat-13 ta' Meju 1996 dwar il-konklużjoni tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet mat-Tajlandja skond l-Artikolu XXIII ⁽²⁾ tal-GATT, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) L-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, iċ-Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Meju 2004 għandha tagħmel possibbli għal dawk il-pajjiżi li jikkwalifikaw għall-kwoti tat-tariffa għal importazzjonijiet ta' ross u ross miksuri introdotti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 ⁽³⁾ taħt kondizzjonijiet xierqa ħdejn dawk applikabbli lill-Istati Membri eżistenti. Operaturi ekonomiċi f'dawk il-pajjiżi għandhom għalhekk jinataw il-possibbiltà li jipparteċipaw totalment f'dawk il-kwoti ma' l-adeżjoni.
- (2) Sabiex ma' jkunx hemm disturb fis-suq qabel u wara l-1 ta' Meju 2004, il-kalendarju għall-porzjonijiet previsti fil-2004 għandu jinbidel u l-allokazzjoni ta' kwantitajiet aġġustati mingħajr, madankollu, ma' jgħu mibdula l-kwantitajiet totali previsti fil-ftehimiet internazzjonali konklużi skond l-Artikoli XXIII u XXIV (6) tal-GATT, jiġifieri kwoti tat-tariffa ta' kull sena għal importazzjonijiet ta' 63 000-il tunnellata metrika ta' ross nofsu mitħun u ross kollu mitħun koperti mill-kodiċi NM 1006 30 bl-ebda dazju, 20 000-il tunnellata metrika ta' ross maħruġ mill-fosdaq koperti mill-kodiċi NM 1006 20 f'dazju fiss ta' EUR 88 għal kull tunnellata metrika u 80 000-il tunnellata metrika ta' ross miksuri koperti mill-kodiċi NM 1006 40 b'tnaqqis ta' EUR 28 għal kull tunnellata metrika fid-dazju ta' l-importazzjoni.
- (3) It-tibdiliet u aġġustamenti previsti f'dan ir-Regolament għandhom jibdli għall-2004 il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 327/98.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 327/98 il-kwoti tat-tariffa ta' kull sena msejħa fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament għandhom jinfetħu, għall-2004, għal importazzjonijiet għal ġo l-Komunità bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

⁽¹⁾ ĠU L 146, ta' l-20.06.96, pġ. 1.⁽²⁾ ĠU L 122, tat-22.05.96, pġ. 15.⁽³⁾ ĠU L 37, tal-11.02.98, pġ. 5. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2458/2001 (ĠU L 331, tal-15.12.01, pġ. 10).

- (a) 63 000-il tunnellata metrika ta' ross nofsu mitħun u ross kollu mitħun koperti mill-kodiċi NM 1006 30 (Nru ta' serje tal-kwota 09.4076) għandhom jiġu allokati skond il-pajjiż ta' oriġini u porzjonijiet kif ġej:

	Jannar	Mejju	Lulju	Settembru
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	9 681	19 360	9 680	—
It-Tajlandja	10 727	5 364	5 364	—
L-Awstralja	—	1 019	—	—
Pajjiżi ta' oriġini oħra	—	1 805	—	—
Total	20 408	27 548	15 044	—

- (b) 20 000-il tunnellata metrika ta' ross maħruġ mill-fosdqa koperti mill-kodiċi NM 1006 20 (Nru ta' serje tal-kwota 09.4077) għandhom jiġu allokati skond il-pajjiż ta' oriġini u porzjonijiet kif ġej:

	Jannar	Mejju	Lulju	Settembru
L-Awstralja	2 608	5 214	2 607	—
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	1 911	3 821	1 910	—
It-Tajlandja	—	1 812	—	—
Pajjiżi ta' oriġini oħra	—	117	—	—
Total	4 519	10 964	4 517	—

- (ċ) 80 000-il tunnellata metrika ta' ross miksur koperti mill-kodiċi NM 1006 40 (Nru ta' serje tal-kwota 09.4078) għandhom jiġu allokati skond il-pajjiż ta' oriġini u porzjonijiet kif ġej:

	Jannar	Mejju
It-Tajlandja	13 866	27 734
L-Awstralja	4 304	8 609
Il-Gujana	2 834	5 669
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	2 427	4 854
Pajjiżi ta' oriġini oħra	3 234	6 469
Total	26 665	53 335

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-23 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni